DIPARTIMENT TAL-INFORMAZZJONI
*DEPARTMENT OF INFORMATION*
MALTA

# Press Release

**PR 172087** **18.09.2017**

**STQARRIJA MILL-UFFIĊĊJU TAL-ISPEAKER**

***L-Ispeaker Anġlu Farrugia jilqa' t-tfal ta' Skola Sajf 2017***

L-Ispeaker Anġlu Farrugia, ltaqa' mat-tfal taċ-ċentri ta' Ħ'Attard, Fgura u San Pawl il-Baħar, flimkien mal-ġenituri u l-għalliema tagħhom.

Għal din il-laqgħa attendew is-Segretarju Parlamentari għaż-Żgħażagħ, Sport u Għaqdiet tal-Volontarjat Clifton Grima, is-Segretarju Parlamentari għall-Fondi Ewropej u Djalogu Soċjali Aaron Farrugia, il-Membru Parlamentari Alex Muscat u l-Whip Parlamentari għall-Oppożizzjoni David Agius.

Fid-diskors tiegħu, l-Ispeaker aċċena għas-sehem istituzzjonali tal-Parlament, jiġifieri fejn ir-rappreżentanti tal-poplu Malti, eletti f'elezzjonijiet ħielsa u demokratiċi, jipproponu liġijiet ġodda, jgħarblu emendi għall-liġijiet eżistenti, japprovaw l-estimi finanzjarji tal-Istat u ta' entitajiet pubbliċi, kif ukoll jeżaminaw bir-reqqa l-operat tal-Gvern.

B'riferenza għat-tfal ta' Skola Sajf, l-Ispeaker fakkar li matul il-ġranet tas-sajf, dawn it-tfal għażlu li jqattgħu parti mil-vaganzi tagħhom l-iskola. F'kuntest pjuttost informali, huma għamlu ħbieb ġodda u fl-istess waqt tgħallmu affarijiet ġodda bil-għan li jissaħħu fit-tagħlim, fil-qari bil-Malti u l-Ingliż, u fl-imġiba tagħhom ma' oħrajn.

L-Ispeaker saħaq li leħen it-tfal tal-iskola huwa wieħed importanti. Minkejja żgħar, it-tfal kapaċi jesprimu ruħhom sew, jagħmlu proposti u suġġerimenti bil-għan li titjieb il-qagħda tas-soċjetà tagħna. Dan minnu nnifsu huwa servizz lil ħaddieħor, servizz lill-proxxmu. "Kull servizz li aħna nistgħu nagħtu lis-soċjetà għandu jkun imnebbaħ mill-virtujiet ta' lealtà u imħabba lejn il-proxxmu", tenna l-Ispeaker Anġlu Farrugia.

It-tfal ta' Skola Sajf 2017 kellhom l-opportunità li jagħmlu mistoqsijiet lill-Membri Parlamentari preżenti, kif ukoll, ittieħdu madwar il-bini tal-Parlament.

**Attachments: photos** 

3, CASTILLE PLACE, VALLETTA VLT 2000 Tel +(356) 2200 1700 Fax +(356) 2200 1775
press.releases@gov.mt www.doi.gov.mt